# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR (GHAWDEX)

## GUDIKATUR : Dr. Grazio Mercieca LL.D.

## Seduta ta' nhar it-Tnejn, 13 ta' Mejju 2002

## Avviz numru : 10/2002GT(GM)

**It-Tabib Marlon Grech**

**vs**

**Gozo Channel Company Limited**
**Carmel Buttigieg**
**Joseph Bezzina**

**It-Tribunal,**

**Ra l-avviz tat-talba:**

**"Illi fit-tnejn u ghoxrin (22) ta' Settembru tas-sena elfejn u wiehed (2001) waqt li l-attur kellu l-vettura tieghu bin-numru ta' registrazjoni EAH-368 ipparkjata x-Xatt, l-Mgarr, limiti Ghajnsielem, Ghawdex, din intlaqtet minn cima mitfugha minn fuq il-vapur Gaudos ghal fuq l-art.**

**Illi dan l-incident sehh htija ta' negligenza da parti tal-konvenuti jew min minnhom.**

**Illi d-danni sofferti mill-attur jammontaw ghal mija u tlettax il-lira Maltija u tmenin centezmu (Lm113.80) rapprezentanti hlas ghal tiswijiet komprizi parts u xoghol.**

**Illi ghalkemm interpellati diversi drabi, l-konvenuti naqsu li jersqu ghal likwidazzjoni u hlas tad-danni kollha sofferti minnu konsegwenza ta' tali incident.**

**Illi l-attur qed jitlob li din il-Qorti tikkundanna lill-konvenuti jew minn minnhom ihallas dan il-bilanc flimkien ma' l-ispejjes ta' dawn il-proceduri."**

**Ra r-risposta:**

**"Illi preliminarjament it-talbiet atturi huma infondati fid-dritt u fil-fatt;**

**Illi l-allegati danni sofferti mill-attur fil-vettura tieghu, kienu kkagunati unikament htija ta' l-istess attur u dan minhabba negligenza, traskuragni u nuqqas tar-regolamenti tat-traffiku;**

**Illi minkejja l-istruzzjonijiet imwahhla u murija fuq il-moll ta' l-Imgarr u cioe' li mhux permess ghall-vetturi li jipparkjaw fuq l-istess moll, l-attur ipparkja u pogga l-vettura tieghu ezattament fil-lok ipprojbit dettaljatement spjegat waqt it-trattazzjoni tal-kawza;**

**Illi l-konvenuti l-ohra, Carmel Buttigieg u Joseph Bezzina, jiddikkjaraw li ma humiex responsabbli ghall-allegat incident u ghalhekk kategorement jichdu l-allegazzjonijiet u t-talbiet ta' l-attur u din kif ser jigi dettaljatement ippruvat waqt it-trattazzjoni tal-kawza.**

**Salvi eccezzjonijiet ulterjuri fid-dritt u fil-fatt.**

**Bl-ispejjez kollha kontra l-attur."**

**Sema' x-xhieda u ezamina d-dokumenti esibiti, li minnhom jirrizulta s-segwenti:**

**1. L-attur ipparkja l-vettura tieghu fuq il-moll fejn jitrakkaw il-vapuri li kontinwament jittragittaw bejn Malta u Ghawdex, magemb wahda mill-pjattaformi tal-konkrit li hemm fuq l-istess moll, hekk imsejjhin mill-bahrin tas-socjeta' konvenuta, improprjament u bl-iktar mod irreverenti, *artali*: improprjament ghax *artal* tfisser mejda tas-sagrificcju; irreverenti ghax l-iskop ta' dawn il-pjattaformi m'ghandhom x'jaqsmu xejn mal-qima tad-divinita, imma ghandhom biss l-iskop mondan li jservu ta' mezz sikur ghal pilastru tal-hadid li hemm fuq il quccata taghhom. Ma dan il-pilastru, jew plier, jintrabtu il-vapuri meta jitrakkaw mal-moll.**

**2. Skond il-procedura navali, meta vapur ikun sejjer jitrakka, u jkun ghadu f'distanza ta' ftit metri mill-moll, ikun hemm bahri li minn fuq il-vapur jitfa' *heaving line,* li fit-tarf tieghu ikun hemm comba jew forma ta' piz, fid-direzzjoni tal-quccata tal-pjattaforma msemmija, sabiex dan il-*heaving line* jinqabad minn persuna, li tissejjah *terminal assistant,* u li tkun fuq il-quccata tal-pjattaforma msemmija. Din il-persuna mbaghad tigbed il-*heaving line* li fit-tarf tieghu ikun hemm ic-cima u jorbot il-vapur permezz ta' din ic-cima mal-pilastru.**

**3. Din il-procedura trid tigi segwita b'heffa kbira, ghax ic-cimi jservu ta' brejkijiet ghall-vapur u jservu biex isir l-isbark sikur tal-passiggieri u tal-merkanzija. Il-pjattaforma partikolari li magembha pparkja l-attur tigi magemb iz-zaqq jew in-nofs tal-vapur; maghha tintrabat l-ewwel cima, fis-sengha msejjha *l-iskontru* u ghalhekk hija l-iktar wahda importanti ghall-ittrakkar sikur tal-vapur.**

**4. Il-*heaving line* mhux dejjem jasal precizament fin-nofs tal-pjattaforma, specjalment jekk ikun ir-rih. Jirrizulta wkoll li fil-kaz prezenti effettivament kien hemm ir-rih, u l-*heaving line* li gie mwaddab minn fuq il-vapur mill-bahri l-konvenut Carmel Buttigieg, ghalkemm ghadda min-nofs tal-pjattaforma, ma nhakmitx mill-ewwel mill-konvenut l-iehor Joseph Bezzina, bil-konsegwenza li ghaddiet mis-*safety barrier* li hemm fuq il-quccata tal-pjattaforma u ddanneggjat il-*windscreen* tal-vettura tal-attur li kienet ipparkjata ezattament taht din il-pjattaforma.**

**5. Ghalkemm il-haddiema tal-Gozo Channel kienu kontinwament iwissu lis-sewwieqa biex ma jipparkjawx hemmhekk, xorta wahda kien xi drabi jsir l-ipparkjar, specjalment meta l-haddiema jmorru jahdmu fuq il-moll l-iehor.**

**6. Mal-moll kien hemm tabella kbira, imwahhla f'post kospikwu, li tghid bil-Malti *PERIKLU – Zomm 'il boghod mic-cimi* u bl-Ingliz *DANGER – keep clear of mooring ropes.***

**Ikkunsidra:**

**Illi t-Tribunal ma jista' jsib xejn x'jiccensura fl-agir tal-konvenuti Bezzina u Buttigieg. L-ebda wiehed minnhom ma kien negligenti fit-tfiegh u l-ilqugh tal-*heaving line*. Min-natura taghha stess, l-operazzjoni tat-tfiegh mill-gholi tal-vapur Gaudos ghal fuq il-pjattaforma, u dan meta l-vapur ikun metri 'l boghod mill-moll, hija wahda perikoluza, tant li kif jirrizulta mill-provi mhux l-ewwel darba li jintlaqat l-impjegat li jkun fuq il-pjattaforma. Huwa proprju ghalhekk li hemm it-tabella li twissi biex kulhadd izomm 'il boghod mic-cimi tal-vapur.**

**Illi jonqos jigi ezaminat jekk il-kumpannija konvenuta hix responsabbli ghall-incident de quo, in toto jew in parte. Mal-moll hemm, vicin hafna ghal fejn sehh l-incident, it-tabella bit-twissija dwar il-periklu fuq indikata. It-tabella hija kbira bizzejjed, u cara bizzejjed, kemm ghal dak li huwa l-kliem kif ukoll ghal dak li huwa daqs u post fejn qieghdha, biex jaraha u jifhimha kullhadd. F'dan ir-rigward, l-attur, mistoqsi jekk kienx jaf b'din it-tabella, qal li ma jafx jekk din it-tabella kinitx hemm dakinhar tal-incident jew le. Dan huwa inverosimili ghall-ahhar, specjalment billi l-attur gej u sejjer fuq il-vapur biex imur ghax-xoghol tieghu f'Malta, u certament jaf jaqra, billi huwa tabib.**

**Illi kif jghidu c-Charlesworth & Percy, *On Negligence*, Sweet & Maxwell, London, 1997, paragrafu 7-161 *If the danger was one which ought to have been obvious to visitors, exercising reasonable care for their own safety, an occupier will not be liable*[1]*. Depending on the facts of the particular case, a warning may or may not be sufficient to enable the visitor to be reasonably***

[1] Cotton vs Derbyshire Dales District Council, *The Times, June 20, 1994, Court of Appeal*

***safe, such as where a verbal warning was not given seriously enough to impress[2], or where a warning notice was exhibited in an unsuitable place[3], or in too low a position to be seen.***

**Illi fil-fehma tat-Tribunal, filwaqt illi sinjal ta' twissija ma jezonerax *per se* lil min ikun qieghed jaghmel attivita' perikoluza mill-passibilita' ghad-danni lil terzi, imma ghandu jkun biss wiehed mic-cirkostanzi tal-kaz li ghandhom jittiehdu in kunsiderazzjoni, pero' f'dan il-kaz it-tabella tat-twissija kienet sufficjenti biex igib il-periklu a pjena konjizzjoni tal-attur, tenut kont tac-cirkostanzi tal-kaz. Ghandu jkun ovvju ghal kull persuna responsabbli li huwa perikoluz tipparkja karozza fuq moll fejn jintrabtu l-vapuri, iktar u iktar meta jkun hemm tabella ta' twissija ta' periklu kbira mwahhla f'post mill-iktar prominenti fuq l-istess moll.**

**Fl-ahharnett, ghalkemm m'ghandux x'jaqsam mal-mertu ta' dan il-kaz, it-Tribunal ihoss li ghandu jiccita l-kumment tas-surgent 47 Michael Abela, li huwa stazzjonat ix-xatt, u li m'ghandux jghaddi inosservat mis-socjeta' konvenuta, b'riferenza ghall-parti tax-xatt fejn sehh l-incident, u fejn issa huwa maghluq bil-*fencing*, u hemm it-tinda imnejn il-passiggieri jixtru l-biljetti: *imma l-haddiema tal-Gozo Channel xorta jidhlu, jiddispjacini nghid li kontra r-regolamenti tad-dinja kollha, nahseb jien. Passiggieri hergin minn got-tinda biex imorru fuq il-vapur in-naha l-ohra u l-bahrin bil-karozza dehlin hemm gew Alla jbierek.***

**Ghaldaqstant it-Tribunal jaqta' u jiddeciedi billi jichad it-talba tal-attur kif dedotta minnu fl-avviz tat-talba, bl-ispejjez.**

**(ft) Grazio Mercieca**
**Gudikatur**
**(ft) Mary Jane Attard**
**Deputat Registratur**

**Vera Kopja**

**Ghar-Registratur**

---

[2] Bishop v J.S. Starnes & Son Ltd (1971) Lloyd's Rep 162
[3] Coupland v Eagle Bros (1969) 210 E.G. 581; Woolins v British Celanese Ltd (1966) 1 K.I.R. 438